# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-30 ta' Ottubru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 50/2021 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**VERSUS**

**MM Workshop Limited (C43020) u Nazzareno Psaila (KI nru 15056M)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fil-15 ta' Frar 2021, fejn is-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited talbet is-somma komplessiva ta' elf tlett mija disgha u sebghin euro, tnejn u sebghin centezmu (€1379.72) li tirraprezenta d-danni kollha sofferti minn Joseph Bugeja, assikurat mis-socjeta attrici Elmo Insurance Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha. Dan in segwitu ghal incident illi sehh fit-30 ta' Ottubru 2019, fis-showroom Michael Attard Limited, fi Triq Nazzjonali, Hamrun (Dok A) meta waqt illi l-konvenut Nazzareno Psaila, impjegat tas-socjeta konvenuta MM Workshop Ltd, kien qieghed jsuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCD 364, appartjenenti lil Joseph Bugeja, meta ma kienx awtorizzat isuq l-imsemmina vettura li kienet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta MM Workshop Ltd ghal service. L-imsemmi konvenut Nazzareno Psaila kkaguna hsara fl-istess vettura meta habat gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALY075, li kienet ipparkjata. Isegwi ghalhekk illi l-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli ghal-imsemmi incident u ghad-danni kosegwenzjali subiti mis-socjeta attrici. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Novembru 2020 u bl-imghax legali b'effett mit-3 ta' Novembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta li giet pprezentata mill-konvenuti MM Workshop Ltd u Nazzareno Psaila fit-3 ta' Marzu 2021, fejn wiegbu illi kellhom jigu kjamati in kawza Joseph u Lorenza Bugeja,bhala sidien tal-vettura JDC364. L-incident gara unikament tort tas-sidien tal-vettura in kwistjoni. Illi meta s-sidien tal-vettura hallew il-vettura biex jahdmu fuqha il-mekkaniks tad-ditta konvenuta kien ovvju li dawn ma setghux jaghmlu dan jekk ma jsuqux il-vettura mhux biss biex jaraw kif qed tahdem imma ukoll biex idahhli l-vettura fil-garage. Fil-fatt l-incident gara ezatt quddiem il-garage tal-konvenuti fejn kienet ipparkjata il-vettura. Jekk huma ma hargux polza li tkopri dan is-sewqan minimu allura l-istess sidien ukoll jridu jerfghu responsabbilita' ta' dan l-incident. Illi meta l-atturi hadu l-karozza ghat-

tiswija naqsu milli jindikaw illi l-pedala tal-vettura kienet alterata minn terzi wara li harget mill-fabbrika. Illi meta l-mekkanik kien qed idahhal il-vettura fil-garage biex jibda x-xoghol fuqha, inqasmet il-pedala li kienet giet alterata u minhabba f'hekk il-mekkanik ma kellux kontroll fuq il-vettura li spiccat fuq il-vettura l-ohra. Illi ghalhekk il-konvenuti m'ghandhom ebda tort u bl-ebda mod ma kienu negligenti ghax kien tort tas-sidien li naqsu milli javzaw lill-konvenuti li l-vettura kellha l-pedala mibdula jew li dan kien casus u ghalhekk il-konvenuti mhux responsabbli. Salv eccezzjonijiet ohra.

Fid-29 ta' Settembru 2021 il-konvenuti talbu lit-Tribunal diversament ippreseduta sabiex jigu kjamati in kawza Joseph Bugeja u Lorenza Bugeja u t-Tribunal laqa' t-talba.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawza Lorenza Bugeja u Joseph Bugeja li gew ipprezentati fil-24 ta' Novembru 2021 fejn Lorenza Bugeja qalet it-talbiet fil-konfront taghha ghandhom jigu rispinti stante li l-incident ma kienx imputabbli ghal xi htija da parti taghha u b'hekk m'hemm ebda lok ghal kundanna ghall-hlas ta' danni li ghandhom jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Joseph Bugeja min-naha tieghu irrileva illi huwa diga parti f'din il-kawza stante li l-proceduri kienu stitwiti mis-socjeta Elmo Insurance Limited hekk kif surrugata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Bugeja.Ghalhekk il-pozzizjoni tieghu bjala kjamat in kawza hija monka u rritwali stante li ma jistax jwiegeb ghat-talbiet tieghu stess.

Fid-19 ta' Jannar 2022 xehdet PC2087 Stephanie Spiteri li fil-11 ta' Novembru 2019, kien mar l-ghassa tal-Hamrun Nazzareno Psaila li qal illi hu mekkanik mal MM Workshop Ltd u li kellu incident meta saq il-vettura Peugeot 2008 u kien laqghet vettura ohra li kienet ipparkjata. Ipprezentat rapport mmarkat Dok SS1. Gie ipprezentat affidavit ta' Joseph Bugeja u Lorenza Bugeja. Joseph Bugeja spjega illi hu kellu dizabilita' f'saqajh il-leminjia u ghalhekk kellu jaghmel modifikazzjoni fil-karozza *automatic* bil-pedala imcaqalqa lejn ix-xellug maghrufa bhala *pedal extension*. F'Novembru 2018 kien xtara karozza Peugeot 2008 wara li tkelmu mas-*sales representative* u kien zar is-showroom ma' rapprezentant ta' Kingtech Sound Ltd, George Muscat li hadem il-*pedal extension*. Kien gie accertat li l-*pedal extension* ma kintix ser taffetwa l-garanzija tal-karozza ghax ma tafetwax l-operat tal-karozza peress illi kienet extension. Kien inghata lista ta' min kien awtorizzat fuq Peugeot. Ii fosthom kien hemm MM Workshop Ltd. Fit-30 ta' Ottubru 2019 il-mara tieghu, Lorenza, hadet il-karozza ghal-ewwel *service*. Wara ftit cemplulhom biex jghidulhom li l-karozza kienet involuta f'incident. Mar fuq il-post u ha ritratti tad-danni li kien hemm (ritratti a foll 46-50) fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza tieghi bin-numru JCD364 kif ukoll tal-karozza l-ohra bin-numru ALY075 li kienet involuta fl-istess incident,wara li l-karozza kienet icaqalqet minn fejn kienet hallitha l-mara. Il-manager kien msiefer u min kien kelmu kien allega illi hekk kif startjaw il-karozza din baqghet diehla fil-karozza ta' faccata u l-pedala tal-gass kienet inqalat minn postha. George Muscat kien mar fuq il-post, li kien sorpriz illi pedala kienet maqlugha u spjega li biex tinqala din trid tigi mahlula u rega' ghamel il-modifika mill-gdid. Huwa gie infurmat illi MM Workshop kienu ser jaghmlu tajjeb ghal hsarat. Hu kien ghamel rapport u ghamel claim mal-insurance tieghu u thallas l-ammont ta' €1379.72. Lorenza Bugeja ddikjarat illi fit-30 ta' Ottubru 2018 kienet halliet il-karozza bin-numru JCD364 f'parking ma

genb il-pompa hejn MM Worshop Ltd, dahlet fir-reception u tkelmet mar-receptionist fejn infurmatu li l-karozza kellha *pedal extension* u hallitlu c-cwievet. Ftl-10.15am marret biex tigbor il-karozza ghax ikkalkulat li kellha tkun lesta, infurmawha illi kien sehh incident bil-karozza taghhom u li huma kienu ser jaghmlu tajjeb ghal hsarat. Il-karozza kellha hsarat fuq in-naha ta' quddiem.

Ra l-affidavit ta' PS2329 Tiziana Azzopardi li ghaddiet kopja originali tar-rapport li kienet hadet fit-30 ta' Ottubru 2019 u xehdet illi ghalkemm hadet ir-rapport hi ma kinitx involuta fl-investigazzjoni. Ra l-affidavit ta' George Muscat flimkien mal-ittra ufficjali bin-numru 2276/12020.George Muscat jghid illi hu direttur tal-hanut KSL fejn jaghmlu modifikazzjonijiet tal-vetturi ghal persuni bi bzonnijiet specjali. Hu kien ghamel modifikazzjoni ghal Joseph Bugeja li ma setghex jidritta sieqU tal-lemin u b'hekk kemm il-pedala tal-gass kif ukoll tal-brejk gew mressqa lejn il-lemin b'madwar tlett pulzieri. Il-modifikazzjoni ssir ukoll billi jekk il-pedala tal-gass tigi maghfusa zzejjed din tinhal biex ma tiehux aktar gass u jkun hemm bzonn li terga' tigi mmodifikata.Meta Joseph Bugeja xtara l-karozza bin-numru JCD364, hu kien gie mqabbad minn Michael Attard Ltd stess ghax il-ftehiem kien li Joseph Bugeja johrogha bil-modifikazzjoni lesta skond l-ircevuta GM1. Fit-30 ta' Ottubru 2019, hu mar fuq il-post wara li cempillu Joseph Bugeja li kien hemm incident, u sab il-karozza milquta u l-pedala tal-gass mahlula. Inghata spanner u rega' issikka il-pedala tal-gass u spjega lil haddiema ta' MM Workshop Ltd li kellha safety feature biex meta tinstaq minn persuna li mhux familjari maghha u jaghfas il-gass flokk il-brejk, din kienet tinhal. Il-haddiema baqghu jinsistu li l-pedala kienet mahlula qabel ma instaqet il-karozza. Jkompli jghid li dan ma jistax jkun ghax li kieku kienet mahlula minn qabel ma setghetx tinstaq sal-workshop u lanqas li taqlaha mill-parking fejn sar l-incident. Hu ikkonkluda illi meta l-karozza instaqet mill-haddiem tal- MM Workshop dan tfixkel il gass mal-brejk.

Xehed Sheldon Scicluna, Motor Claims Supervisor mal-Elmo Insurance Ltd li fit 8 ta' Novembru 2019 kien ircieva *claim form* minghand Joseph Bugeja, Dok SS2, bhala sid tal-vettura bin-numru JCD364 li kienet *fully comprehensive* skond ic-certifikat immarkat Dok SS1. Il-vettura kienet garbet hsarat meta thalliet ghand MM Workshop Ltd ghas service. Inghataw kopja tar-rapport tal-pulizija li hija annessa mat-talba u mmarkata Dok A. Joseph Bugeja infurmah illi MM Workshop Ltd kienu ghamlu rapport separat u wara li gabu kopja ta' dan ir-rapport gie stabbilit li l-karozza instaqet minn Nazzareno Psaila. Saret spezzjoni fuq il-karozza minn Joseph Vella, li huwa Motor Claims Surveyor Supervisor mal Elmo fejn l-istima ghat-tiswijiet tal-vettura JCD364 ammonta ghal €1391.09. Saret kommunikazzjoni ma' MM Worshop Ltd li kienu qeghdin jinzammu responsabbli ghad-danni Dok SS3, fejn Marcus Mercieca fl-isem MM Workshop Ltd wiegeb illi kienu lesti jhalsu l-excess tal-claim Dok SS4. Elmo irrispondiet li ma kienitx qieghda taccetta din il-proposta u kienet qieghda zzomha responsabbli ghad-danni tal-vettura u hsarat ikkagunati lil terzi Dok SS5.Il-karozza issewiet u l-ispiza totali kienet ta' €1,379.09 inkluz vat skond Dok SS6 u intbghatet l-ittra legali Dok EIL1.Ipprezenta skambju ta' e mails immarkati Dok SS7 ma' Marcus Mercieca ghal MM Workshop Ltd.

Fl-20 ta' Gunju 2022 xehdu Joseph Vella u PS267 Anthony John Cassar. Joseph Vella xehed illi hu Motor Surveyor mal-Elmo Insurance hu kien hejja

report fuq il-vettura Peugeot mudell 2008 bin-numru JCD364, li kellha hsarat fit-tarf ta' quddiem u z-zewg nahat *front end*.Bhala parts kien hemm bzonn il-bumper ta' quddiem, brackets tieghu, iz-zewg fanali u tiswijiet mal-mudguard tan-naha tax-xufier u l-assesment tieghu ghal hsarat ammontaw ghal €1391.09. Hu jkun ghamel kalkolu approsimattiv imma l-ammont finali jista' jvarja minhabba l-prezz tal-parts. Hu ikkonferma r-rapport li esebixxa u gie mmarkat Dok JV1. PS267 ipprezenta rapport li kien hejja hu, mmarkat Dok AJC1 wara li gie infurmat mill-ghassa ta' Hal-Qormi li xi hadd kien irraporta incident waqt illi l-vettura kienet ghas-service u peress illi gara l-Hamrun tnizzel fuqu.

Fil-15 ta' Frar 2023, gie ipprezentat nota bl-affidavit ta' Nazzareno Psaila li kien ilu jahdem ta' mekkanilk mindu kellu 16 il-sena. Fit-30 ta' Ottubru 2019 nghata job card Dok NP1 u meta ipprova jsuq il-karozza ghal gol-garage din bdiet taghmel skossi. Hu ma kienx jaf bil-modifikazzjoni u allura meta kien qieghed jaghfas dak li suppost jkun il-brejk fil-fatt wara sar jaf li kien il-gass, b'hekk inhalet il-brejk. Mill-istess jobcard ma hemm xejn indikat illi MM Workshops Ltd kienu gew infurmati li l-pedali kienu invertiti u ma kienx hemm xejn fuq il-karozza li tindika li min kien jsuq il-karozza kellu xi tbatija fizika.Hadd ma qallu jew lil MM Workshop Ltd bil-modifikazzjoni u anke s-sidien tal-karozza kienu qalulu li ma kienux qallu lil front office bil-modifikazzjoni.Wara dan l-incident is-sidien kienu hallew il-karozza ma' MM Workshop Ltd u din id-darba avzaw lil Workshop dwar il-modifikazzjoni kif tidher fil-jobcard mmarkat NP2. George Muscat kien qieghed jipprova jimplika minghajr provi li t-tort kien tal-garage. Mhux minnu li hu, jew xi hadd mill-garage kien hall il-pedala qabel ma saq il-karozza, ghax kieku kif qal George Muscat stess, il- karozza ma kinitx ticaqlax. Iz-zball kient tas-sidien li naqsu li jinfurmaw lil-garage bil-modifikazzjoni. Fil-kontro ezami hu jghid illi l-klijent jidhol il-front office u jkellem lis-segretarja li tipprintja l jobcard li tghaddi ghal ghand il-foreman. Hu ma rax lis-sinjura diehla fil-front office,ghax hu mar ghac-cavetta bil-jobcard f'idejh izda meta giet il-mara mar-ragel fir-receptionwara l-incident, ammetiet li ma kinitx qaltilhom li l-karozza kienet giet mmodifikata. Hu ma kienx fir-reception dak il-hin izda ir-reception qalulu li qalet hekk. Meta gie muri jobcard Dok NP1, a foll 155 datat 30 ta' Ottubru 2019 ma kien hemm xejn miktub li l-pedali gew maqlubin. Hu kien ilu 70 sena jsuq u qatt ma kellu incident u qatt ma ra l-pedali jimxu min-naha ghal ohra. il-karozza kienet *automatic* u ghalhekk clutch ma jkollhiex. Kif tistartjha, trid titfa' saqajh fuq in-naha tal-brejk u x'hin startjat il-karozza telqet u aktar ma beda jzomm il-brejk aktar bdiet titkaxkar ghax il-pedola tal-brejk kienet il-pedola tal-gass. Wara l-incident kien taht xokk ghax jghadu hafna nies minn Blata l-Bajda u seta' laqghet lil xi hadd, hu nizel mill-karozza u dahalha haddiehor fil-garage. Min ghamel il-modifikazzjoni tal-karozza suppost ghamel *sticker* mad-dash board li l-karozza mhux normali ghax hu jhares lejn il-jobcard ghax x'hin dahal fiha tefa' saqajh fuq il-pedala li suppost kienet il-brejk izda kienet tal-gass.Suppost jinfurmaw lil reception dwar modifikazzjoni u titnizel fuq il-jobcard halli l-mekkanik li ha jahdem fuqha jkun jaf bil-modifikazzjoni.

Fl-affidavit tieghu, Marcus Mercieca jghid illi hu Manager ta' MM Workshop Ltd u jaqbel mal-affidavit ta' Nazzareno Psaila. Jikkonferma li kellu jiltaqa' ma' rapprezentanti tal-Elmo u dakinhar ipprova jikkuntatja lil Elmo biex jikkonferma l-laqgha u ma kien wiegbu hadd.Ghalkemm kien lest li jhallas l-excess dan ma kienx ammissjoni min-naha tieghu u l-e mails li gew ezebiti kienu bla pregudizzju. Hadd ma

kien qal lil Workshop jew lil Nazzareno Psaila bil-modifikazzjoni u fil-fatt dan ma jidhirx fil-job card. Wara dan l-incident l-istess sidien kienu hadu l-karozza l-workshop u din id-daba avzaw lil-ufficju tal-Workshop bil-modifikazzjoni kif jidher Dok NP2.Mhux gust li minhabba nuqqas tas-sid biex jinforma lild-ditta jew il-mekkanik ghandhom jbatu l-konvenuti. Fil-kontro ezami jghid illi hu kien jaf x'gara minghand Nazzareno Psaila u Reuben li kien jahdem fir-reception, ghax hu kien msiefer dakinhar.Il-jobcard tintela' mir-reception u l-klijent jiffirmha, jigifieri jara x'hemm miktuba u ghalhekk suppost il-klijent ra li ma kinitx miktuba. Il-jobcards li gew pprezentati m'humiex l-originali imma printouts.

Ra n-nota li giet ipprezentat fit-12 ta' April 2023.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar it-3 ta' Lulju 2023.

**Ikkonsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-assikurat Joseph Bugeja kellu dizabilita' f'saqajh u kien ghamel modifika fil-pedali tal-vettura tieghu li kienet automatic, liema modifika kienet awtorizata mill-agent. Fil-fatt il-pedali kellhom *extension* tant illi l-pozzizjoni tal-pedala tal-gass kienet fejn is-soltu tkun il-pedala tal-brejk. Il-karozza ittiehdet ghand MM Workshop Ltd ghas-*service* minn Lorenza Bugeja u skond hi qaltilhom li kellha *pedal extension*. Meta instaqet mil-mekkanik, kellu incident ghax meta beda jaghfas dak li suppost kien il-brejk il-karozza kompliet timxi ghax fir-rejalta kien il-gass. Fuq il-*job card* ma kien hemm xejn x'jindika li kien hemm modifikazzjoni u ghalhekk il-mekkanik zgur ma kellux tort ghax hadd ma kien infurmah bil-modifikazzjoni. Min-naha wahda Lorenza Bugeja tghid illi infurmat lil MM Workshop Ltd li kien hemm *pedal extension*, filwaqt illi kemm il-mekkanik kif ukoll il-manager jinsistu li ma kinitx qalet lil tar-reception. Il-karozza ma kellha ebda sinjal jew sticker li kien jindika li l-karozza kellha xi tip ta' modifikazzjoni, li m'hemmx dubju huwa nuqqas kbir min-naha tal-assikurat stante li l-modifikazzjoni tista' tohloq periklu lil min jsuqha, jekk ma jkunx jaf b'din il-modifikazzjoni. Min-naha l-ohra ghalkemm is-socjeta konvenuta ipprezentat il-jobcard fejn fit-30 ta' Ottubru 2023 ma kien hemm xejn dwar il-modifika filwaqt illi fil-jobcard tal-2020 kien hemm indikat li *pedals are switched*, dawn it-tnejn ma kellhomx il-firma ta' min kien halla l-vettura ghas-service. Illi meta Lorenza Bugeja hadet il-karozza fil-workshop, skond hi qalet lil *reception* li kien hemm *pedal extension* izda ma kien hemm xejn indikat fuq il-karozza biex javza lil min jkun ser jsuqha b'tali modifikazzjoni. Aparti l-fatt illi l-modifikazzjoni tidher aktar illi hija *switching of pedals* milli *pedal extension*, u ghalkemm hi qalet li infurmat lil *reception*, ma jidhirx li kien hemm bizzejjed emfassi mar-reception fuq din il-modifkazzjoni. Ghalhekk it-Tribunal jhoss illi fic-cirkustanzi ghandu juza' d-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal u ghalhekk ghandhom jinzammu t-tnejn ugwalment responsabbli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad it-talba fil-konfront tal-konvenut Nazzareno Psaila, filwaqt illi qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundana lil-socjeta konvenuta MM Workshops Ltd responsabbli flimkien mal-kjamati fil-kawza konjugi Bugeja. Ghalhekk qieghda tikkundana lil MM Workshops Ltd thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €689.86 u lil Joseph u Lorenza Bugeja solidament bejniethom jhalsu s-somma ta' €689.86 lis-socjeta attrici. L-ispejjez

ta' Nazzareno Psaila jithalsu mis-socjeta attrici. L-ispejjes tas-socjeta attrici jithalsu nofs minn MM Workshop Ltd u nofs mill-konjugi Bugeja.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**